IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2022
COM(2022) 719 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar statistika miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart u l-kwalità tagħha

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar statistika miġbura skont ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart u l-kwalità tagħha

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart[1] ("ir-Regolament") jistabbilixxi qafas għall-produzzjoni ta' statistika dwar l-iskart fl-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti kull 3 snin rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (ħlief għall-ewwel rapport, li kellu jiġi sottomess fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament). Ir-rapporti preċedenti ġew ippubblikati fl-2008[2], l-2011[3], l-2014[4], l-2016[5] u l-2020[6].

Dan ir-rapport jirreferi għall-kwalità tad-*data* dwar l-iskart prodott u ttrattat fl-2018, li l-ġbir tad-*data* għalih sar fl-2020. Meta kien qed jinkiteb ir-rapport, ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* tal-2022 għadhom ma humiex disponibbli. Skont ir-Regolament, trid tinġabar *data* kull sentejn, fi snin pari, dwar:

- il-ġenerazzjoni tal-iskart,
- it-trattament tal-iskart, u
- l-impjanti tat-trattament tal-iskart diżaggregati skont il-livell NUTS 2.

2. REGOLAMENT DWAR L-ISTATISTIKA TAL-ISKART

Ir-Regolament jistabbilixxi d-*data* statistika li l-Istati Membri jridu jissottomettu u l-kwalità meħtieġa għal din id-*data*. Id-definizzjonijiet huma stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart)[7]. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-metodu speċifiku li għandu jintuża għat-tfassil tal-istatistika dwar l-iskart. Għalhekk jistgħu jużaw sistemi eżistenti ta' ġbir tad-*data*, li jimminimizza l-piż amministrattiv tal-konformità mar-Regolament. Ir-Regolament jipprovdi statistika primarja, jiġifieri *data* miġbura direttament jew permezz ta' sorsi amministrattivi, iżda mhux derivata minn statistika oħra.

---

1 ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.
2 KUMM(2008) 355 finali, 13.6.2008.
3 KUMM(2011) 131 finali, 17.3.2011.
4 COM(2014) 79 finali, 14.2.2014.
5 COM(2016) 701 finali, 3.11.2016.
6 COM(2020) 54 finali, 14.2.2020.
7 ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

Ir-Regolament (l-Anness I, it-Taqsima 7) jitlob li l-Istati Membri jissottomettu rapport ta' kwalità flimkien mad-*data*. F'dawn ir-rapporti, l-Istati Membri jridu jirreferu għall-elementi ta' kwalità li jintużaw komunement fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika[8] u li huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/2005 dwar il-kwalità tal-istatistika tal-iskart[9].

Minn meta ġie adottat, ir-Regolament ġie emendat bosta drabi. F'Settembru 2010, sarlu aġġornament tekniku mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 849/2010[10], l-aktar biex tiġi introdotta bidla fil-klassifikazzjoni tal-flussi tal-iskart (EWC-Stat) u biex jiġu ddelimitati l-operazzjonijiet ta' rkupru "riċiklaġġ" u "radam ".

Fl-2018, id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emendat id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, u stabbiliet skadenza tal-5 ta' Lulju 2020 għat-traspożizzjoni tal-kontenut tagħha f'leġiżlazzjoni nazzjonali. Din l-emenda ma għandhiex impatt fuq il-ġbir tad-*data* dwar l-istatistika tal-iskart kopert minn dan ir-rapport.

L-istatistika dwar suġġetti ta' politika, bħall-ekonomija ċirkolari, tuża d-*data* miġbura f'konformità mar-Regolament bħala input. F'Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ekonomija Ċirkolari[11] li jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-progress tal-UE lejn ekonomija ċirkolari. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni żviluppat qafas ta' monitoraġġ b'10 indikaturi, li jipprovdi lil fassala tal-politika u lill-pubbliku b'aċċess faċli għad-*data* rilevanti. Il-Kummissjoni (Eurostat) tippubblika u tmantni dan il-qafas ta' monitoraġġ[12]. L-indikaturi tal-qafas *dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-iskart tal-ikel, ir-rata ta' riċiklaġġ, il-flussi speċifiċi tal-iskart* u *r-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari* huma bbażati totalment jew parzjalment fuq *data* miġbura skont ir-Regolament.

Id-*data* bbażata fuq ir-Regolament tintuża wkoll biex timmonitorja l-progress tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kummissjoni (Eurostat) toħroġ rapport akkumpanjat minn pakkett ta' informazzjoni online[13] kull sena. L-indikaturi *tar-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari* u *l-ġenerazzjoni tal-iskart minbarra l-iskart minerali maġġuri* fl-għan 12 tal-SDG jintużaw għal dan ir-rapportar.

3. TEMPESTIVITÀ U PUNTWALITÀ

Reċezzjoni tad-data

8 Il-paġna web tal-Eurostat dwar ir-rapportar tal-kwalità: https://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/overview.
9 ĠU L 229, 6.9.2005, p. 6.
10 ĠU L 253, 28.9.2010, p. 2.
11 https://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index_en.htm
12 https://ec.europa.eu/eurostat/web/circular-economy/indicators
13 https://ec.europa.eu/eurostat/web/sdi

Id-*data* u r-rapporti tal-kwalità jridu jiġu sottomessi kull sentejn lill-Kummissjoni (Eurostat) fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena bażi[14].

Il-konformità mal-iskadenza għar-rapportar għall-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* għas-sena bażi 2018 ma tbiddlitx meta mqabbla mas-snin ta' qabel. B'kollox, 22 Stat Membru u pajjiż wieħed tal-EFTA rrapportaw settijiet ta' *data* kompluti u rapporti tal-kwalità fil-ħin. Tliet Stati Membri ppreżentaw xi whud mid-*data* tagħhom inqas minn xahar wara l-iskadenza. Żewġ Stati Membri u żewġ pajjiżi tal-EFTA ssottomettew kemm *data* kif ukoll rapporti tal-kwalità aktar minn xahar wara l-iskadenza. Pajjiż tal-EFTA wieħed issottometta s-settijiet ta' *data* aktar minn sitt xhur wara l-iskadenza.

Sitt pajjiżi tal-Balkani tal-Punent issottomettew ukoll *data*, fuq bażi volontarja. Tnejn minnhom issottomettew is-settijiet tad-*data* sħaħ u r-rapporti tal-kwalità fil-ħin, u wieħed issottometta fil-ħin id-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-trattament tal-iskart. It-tliet pajjiżi l-oħra ssottomettew id-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart biss u aktar minn xahrejn wara l-iskadenza.

Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tieħu passi biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jeżaminaw il-proċessi tagħhom ta' produzzjoni tal-istatistika u jipprovdu *data* ta' kwalità tajba skont l-iskadenzi stabbiliti. L-Istati Membri rilevanti ntalbu jispjegaw għaliex id-*data* ġiet irrapportata tard. Għall-2020 (*data* ta' bażi 2018), jidher li r-rapportar eċċezzjonalment tard kien prinċipalment dovut għal taqlib serju fl-attivitajiet statistiċi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19.

Pubblikazzjoni

Il-Kummissjoni (Eurostat) ivvalidat id-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-trattament tal-iskart irrapportata mill-Istati Membri u ppubblikat ir-riżultati għas-sena bażi 2018 fil-14 ta' Settembru 2020 fid-databaża online tal-Eurostat[15]. Id-*data* dwar il-faċilitajiet għat-trattament tal-iskart skont ir-reġjuni ġiet ippubblikata jumejn wara, fis-16 ta' Settembru 2020. Is-settijiet ta' *data* ġew akkumpanjati minn artikoli online fuq "Statistics Explained" u minn prodotti disseminali oħra.

4. KOMPLETEZZA

L-għadd ta' valuri mhux irrapportati fil-kwestjonarji kif ukoll l-għadd ta' Stati Membri u pajjiżi tal-EFTA b'nuqqas ta' rispons parzjali bħal dan fid-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart naqsu konsiderevolment bejn is-snin bażi 2010 u 2018. Għas-sena bażi 2010, tmien pajjiżi rrapportaw valuri nieqsa, iżda dan naqas għal pajjiż wieħed biss għas-sena bażi 2018.

[14] Ir-Regolament (KE) 2150/2002, it-Taqsima 7(2) tal-Annessi I u II.

[15] https://ec.europa.eu/eurostat/data/database

L-għadd totali ta' valuri nieqsa naqas minn 1 668 fis-sena bażi 2010 għal wieħed biss fis-sena bażi 2018.

Titjib simili jidher għad-*data* dwar it-trattament tal-iskart. Ġew irrapportati biss sitt valuri nieqsa tat-trattament tal-iskart għas-sena bażi 2018 meta mqabbla ma' 263 valur nieqes għas-sena bażi 2010.

Xi pajjiżi jirrapportaw *data* kunfidenzjali, li ma għandhiex tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni (Eurostat). Dan iwassal għal trattament ta' kunfidenzjalità sekondarju addizzjonali, jiġifieri li ma tiġix ippubblikata aktar *data* biex jiġi evitat li xi utent ikun jista' jikseb jew jiddeduċi *data* nazzjonali kunfidenzjali. Sabiex jitnaqqas is-sehem tad-*data* li ma tistax tiġi ppubblikata minħabba l-kunfidenzjalità sekondarja, il-Kummissjoni (Eurostat) waqqfet il-pubblikazzjoni ta' għadd ta' aggregati statistiċi bħal dawk fuq l-iskart tal-annimali u l-iskart veġetali.

5. VALIDAZZJONI TAD-*DATA* MILL-KUMMISSJONI (EUROSTAT)

Il-Kummissjoni (Eurostat) tkompli ttejjeb u tirfina s-sistema ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* u taġġorna d-dokumenti ta' gwida metodoloġika għall-Istati Membri. Dawn tal-aħħar huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurostat.

Sa mill-ewwel ġbir ta' *data* skont ir-Regolament fl-2004, il-Kummissjoni (Eurostat) stabbiliet sistema effiċjenti ta' kontroll tal-kwalità f'żewġ stadji biex tiċċekkja d-*data* li tirċievi mill-Istati Membri.

Fl-ewwel pass, il-Kummissjoni (Eurostat) twettaq fi żmien xahrejn evalwazzjoni rapida tad-*data* sottomessa u tar-rapporti tal-kwalità sottomessi. F'dan il-pass, il-validazzjoni tad-*data* tiffoka l-aktar fuq il-koerenza interna tad-*data* l-ġdida u fuq l-iżviluppi tul iż-żmien. L-analiżi ssir f'livell aggregat ħafna u għandha l-għan li tiddetetta interruzzjonijiet ewlenin fis-serje u li tikkonferma li d-*data* hija adatta għall-pubblikazzjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni (Eurostat) tibgħat lura rapporti ta' evalwazzjoni individwali lill-Istati Membri. Dawn ir-rapporti ta' evalwazzjoni jistgħu jitolbu spjegazzjonijiet u/jew reviżjonijiet tad-*data*, kif meħtieġ. Il-Kummissjoni (Eurostat) tippubblika d-*data* vvalidata.

It-tieni pass huwa validazzjoni fil-fond. Dan jinvolvi l-analiżi tad-*data* f'livell aktar dettaljat (eż. skont is-settur ekonomiku u skont il-kategorija tal-iskart) u t-tqabbil tax-xejriet u tal-iżviluppi bejn il-pajjiżi. L-għan ta' din il-validazzjoni fil-fond ma huwiex biss li jiġu detetti l-inkonsistenzi, iżda wkoll li tittejjeb il-kwalità tad-*data* fit-tul. L-iċċekkjar waqt il-validazzjoni jinkludi:

- tqabbil fil-pajjiż innifsu ta' skart iġġenerat għal kull attività ekonomika mal-valuri mis-snin ta' qabel;
- tqabbil tad-*data* għal kull attività ekonomika bejn il-pajjiżi;
- tqabbil fil-pajjiż innifsu ta' skart iġġenerat u skart ittrattat għal kull kategorija ta' skart;

- kontroverifiki ma' *data* dwar l-iskart minn obbligi oħrajn ta' rapportar bħalma huwa l-monitoraġġ dwar il-konformità skont leġiżlazzjoni oħra relatata mal-iskart.

Ir-riżultati jiġu kkonfrontati ma': (i) ir-rapporti ta' kwalità tal-pajjiżi; (ii) ir-rispons mill-ewwel stadju ta' evalwazzjoni; u (iii) kwalunkwe dokument ieħor disponibbli, eż. dokumentazzjoni ta' rapportar mis-snin ta' qabel. Ir-riżultati mbagħad jiġu diskussi mal-Istat Membru relatur.

6. KOPERTURA

Kopertura tad-data

L-Istati Membri jridu jiġbru statistika dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart għas-setturi ekonomiċi kollha u għall-unitajiet domestiċi. Din l-istatistika trid tinkludi skart li joriġina minn operazzjonijiet ta' rkupru u rimi, magħruf ukoll bħala skart sekondarju. Trid tkopri wkoll l-iskart minn negozji żgħar (inqas minn 10 impjegati), għalkemm skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, dawn in-negozji żgħar għandhom ikunu eżentati minn stħarriġ kull fejn possibbli, sakemm ma jikkontribwux b'mod sinifikanti għall-ġenerazzjoni tal-iskart. F'każ li n-negozji ż-żgħar ma jiġux mistħarrġa, id-*data* tinġabar jew minn sorsi amministrattivi jew hija koperta minn stimi.

L-istatistika dwar it-trattament tal-iskart u l-faċilitajiet tal-iskart trid tiġi kkumpilata għall-operaturi kollha tal-faċilitajiet ta' trattament. Xi intrapriżi kbar li jħaddmu impjanti tat-trattament tal-iskart tagħhom stess, iridu jirrapportaw ukoll.

Żewġ sejbiet importanti tal-validazzjoni tal-istatistika mis-sena bażi 2018 huma dawn li ġejjin:

- Xi Stati Membri għadhom ma jistgħux jirrapportaw dwar il-kategorija ta' trattament "radam"[16] u jirrapportaw "nieqes". Xi whud jużaw il-kategorija "radam" biex jirrapportaw ir-rimi fil-landfills, u, għalhekk, jagħmlu tabirruħhom li jkun hemm anqas landfill u aktar irkupru. Din il-problema nqabdet waqt il-validazzjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) insistiet mal-Istati Membri kkonċernati biex itejbu din is-sitwazzjoni sabiex jirrapportaw settijiet tad-*data* kompletament korretti.
- Għall-kategorija tal-iskart "il-kura tas-saħħa u l-iskart bijoloġiku", id-distinzjoni bejn skart perikoluż u mhux perikoluż tiddependi fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Pereżempju, il-fdalijiet umani jew il-mediċini jiġu ttrattati b'mod differenti u dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu stmati kif xieraq u dan joħloq kwistjonijiet ta' komparabbiltà bejn l-Istati Membri għal din il-kategorija ta' skart.

Dekompożizzjoni skont is-settur ekonomiku

[16] Skont l-Artikolu 3(17a) tad-Direttiva 2008/98/KE ir-radam mill-ġdid "tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru fejn l-iskart mhux perikoluż xieraq jintuża għal skopijiet ta' reklamazzjoni f'żoni skavati jew għal skopijiet ta' inġinerija fil-pjanifikazzjoni tal-art".

Ir-riżultati tal-validazzjoni juru li l-identifikazzjoni tas-settur ekonomiku li jiġġenera l-iskart titqies akkurata biżżejjed. Il-każijiet ta' allokazzjoni implawżibbli ma humiex frekwenti. Ġeneralment, dawn jiġu detetti waqt il-validazzjoni u għalhekk jiġu spjegati jew ikkoreġuti. Eċċezzjoni hija l-ġenerazzjoni ta' vetturi mormija. L-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi ż-żgħar spiss ma jneħħux ir-reġistrazzjoni tal-vetturi mormija tagħhom huma stess, iżda dawn jiġu ddereġistrati minn garaxx jew minn negozjant tal-karozzi u għalhekk jiġu rreġistrati taħt kategorija ta' attività ekonomika (klassi NACE Rev. 2) differenti minn dik tad-detentur tal-karozza. Din il-kwistjoni qed titjieb bil-mod ħafna peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jibbażaw fuq *data* amministrattiva għall-vetturi mormija.

Kategoriji ta' skart

Ir-Regolament jistabbilixxi l-kategoriji ta' skart għar-rapportar lill-Kummissjoni (Eurostat). Il-kategoriji jsegwu l-Klassifika Ewropea tal-Iskart għall-Istatistika[17] (EWC-Stat). Ir-Regolament ma jistipulax li għandha tintuża klassifikazzjoni speċifika għall-ġbir tad-*data* nazzjonali.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiġbru d-*data* tagħhom skont il-lista Ewropea tal-iskart[18], li hija magħmula minn 839 tip ta' skart. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 849/2010[19] jinkludi tabella ta' konverżjoni bejn il-kodiċijiet tal-lista Ewropea tal-iskart u l-klassifikazzjoni EWC-Stat. L-użu mifrux ta' dawn iż-żewġ klassifikazzjonijiet jiżgura livell għoli ta' komparabbiltà, tal-anqas fil-livell aggregat li huwa mitlub fir-Regolament. Il-Kummissjoni (Eurostat) tqis l-impatt kumplessiv tal-erruri ta' klassifikazzjoni fuq l-akkuratezza tad-*data* bħala wieħed żgħir. Jekk l-erruri ta' klassifikazzjoni jirriżultaw f'impatti kbar, dawn jiġu identifikati matul l-ewwel validazzjoni u jiġu kkoreġuti minnufih. Errur bħal dawn okkorra fl-2014. Fl-2016 u fl-2018 ma ġie osservat l-ebda errur bħal dawn.

Il-ġenerazzjoni tal-iskart fl-UE taqbeż it-trattament tal-iskart

L-ammonti totali ta' skart iġġenerat u skart ittrattat ivarjaw bejn l-Istati Membri.

Id-differenza bejn l-ammont ta' skart iġġenerat fl-UE u l-ammont ta' skart ittrattat ilha mill-2008 madwar 200 miljun tunnellata. Dan jikkorrispondi għal madwar 10 % tal-iskart kollu ġġenerat. Id-distakk ilu stabbli mill-2008: fl-UE qiegħed jiġi ġġenerat aktar skart milli qiegħed jiġi ttrattat. Fost il-kategoriji tal-iskart, id-differenza hija l-ogħla għall-ħama u għall-iskart likwidu wara t-trattament tal-iskart (madwar 70 %) u l-aktar baxxa (madwar 0 %) għall-ħamrija.

Hemm diversi raġunijiet għad-differenza:

[17] Verżjoni attwali EWC-Stat Rev. 4, li għandha 51 kategorija, stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 849/2010.

[18] Stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE. Il-Klassifikazzjoni Ewropea tal-Iskart għall-Istatistika (EWC-Stat) hija kklassifikata purament skont il-materjal tal-iskart. Il-lista Ewropea tal-iskart hija ħafna aktar diżaggregata mill-EWC-Stat u hija bbażata fuq il-materjal, l-użu tal-materjal, u l-oriġini tal-iskart.

[19] ĠU L 253, 28.9.2010, p. 2.

- Mhux l-iskart kollu jiġi ttrattat fil-pajjiż fejn huwa ġġenerat. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-iskart ma jinġabrux skont ir-Regolament, u b'hekk id-differenzi li ġejjin mill-importazzjonijiet u mill-esportazzjonijiet ma jistgħux jiġu kkwantifikati abbażi tad-*data* tar-Regolament. Stimi bbażati fuq id-*data* tal-kummerċ estern juru li dan l-effett jispjega madwar għoxrin fil-mija tad-differenza għall-UE kollha. Għall-pajjiżi individwali dan l-effett jista' jkun ogħla.
- Il-kontenut tal-ilma tal-iskart ukoll jilgħab parti. Il-kategoriji kollha tal-iskart ħlief il-ħama huma rrapportati fil-piż imxarrab normali. Matul il-proċess tal-pretrattament, bħall-operazzjonijiet tat-trattament preparatorju għar-rimi (it-trattament tal-iskart likwidu, eż., il-lissija jew l-emulsjoni taż-żejt/l-ilma), jintilef il-piż tal-ilma u l-iskart jidħol fit-trattament finali bi tnaqqis sinifikanti fil-piż.
- Xi operazzjonijiet huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness II tar-Regolament, bħal impjanti ta' koinċinerazzjoni li jużaw biss skart tal-bijomassa partikolari bħala fjuwil.
- Mhux l-iskart kollu jiġi ġġenerat u ttrattat fl-istess sena. Skart iġġenerat fis-sena t jista' jiġi ttrattat fis-sena t+1. Hemm effetti kalendarji f'Diċembru/Jannar u xi skart jinħażen temporanjament.
- It-trattament tal-iskart jista' joħloq tipi ġodda ta' skart u għalhekk iżid mal-iskart iġġenerat, eż. l-irmied mill-inċinerazzjoni tal-iskart jista' jkun skart ukoll. Sabiex tagħmel valutazzjoni kwantitattiva ta' dan l-effett, il-Kummissjoni (Eurostat) tagħmel stima tal-"iskart sekondarju" li jaggrega l-iskart li jiġi prodott bit-trattament tal-iskart.
- Il-vetturi jew it-tagħmir mormija jiġu rrapportati biss bħala tali taħt l-istatistika tal-ġenerazzjoni tal-iskart. Vettura tikkonsisti minn materjali differenti, eż. metall u plastik. Fl-aħħar, dawn il-materjali jiġu rrapportati taħt l-istatistika tat-trattament tal-iskart. It-trattament tal-iskart jitkejjel fit-tmiem tal-katina tat-trattament, jiġifieri wara r-rimi u s-separazzjoni. Għalhekk, il-vetturi u t-tagħmir simili huma rrapportati biss taħt l-istatistika dwar it-trattament tal-iskart f'każijiet eċċezzjonali.

Bħala konklużjoni, id-differenza bejn il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-trattament tal-iskart ma hijiex ir-riżultat tal-fatt li l-istatistika għal dawn iż-żewġ kategoriji hija ta' kwalità differenti. Imma tirrifletti differenzi fl-iskop ta' dawn iż-żewġ kategoriji u l-kunċetti li jintużaw għalihom. Madankollu, skont il-klassi tal-iskart, id-differenza għandha tkun f'ċerti limiti. Jekk dawn il-limiti jinqabżu, il-Kummissjoni (Eurostat) titlob spjegazzjoni mill-Istat Membru rilevanti.

Mill-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* tal-2022, l-Eurostat estenda l-kwestjonarju biex jinkludi kategoriji volontarji għall-Istati Membri, bl-għan li jiġu rrikonċiljati l-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart mad-*data* dwar l-importazzjonijiet/l-esportazzjonijiet tal-iskart, it-telf tal-ilma tal-iskart, eċċ. L-Eurostat għandu l-intenzjoni li jaġġorna l-gwida tiegħu biex jitlob lill-Istati Membri jirrapportaw din l-informazzjoni. Il-kategoriji addizzjonali se jżidu l-kwalità tal-istimi u jipprovdu wkoll informazzjoni rilevanti fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari.

7. KOMPARABBILTÀ

Komparabbiltà matul iż-żmien

Ir-rapporti tal-kwalità sottomessi mill-Istati Membri huma għodda utli biex jiġu mmonitorjati bidliet metodoloġiċi u l-impatt tagħhom fuq il-komparabbiltà tad-*data*. Dawn ir-rapporti tal-kwalità juru li kważi l-Istati Membri kollha għamlu titjib konsiderevoli fl-approċċi tagħhom għall-istatistika nazzjonali tal-iskart mill-2004 'l hawn. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jkomplu jtejbu: (i) il-kwalità tad-*data* permezz tal-ġbir tad-*data* tagħhom (eż. jagħlqu l-lakuni fid-*data* u jtejbu l-kopertura); u (ii) l-effiċjenza tal-metodi tagħhom.

It-titjib fil-ġbir tad-*data* matul is-snin ħoloq interruzzjonijiet fis-serje kronoloġika. L-Istati Membri jirrevedu s-settijiet tad-*data* għas-snin ta' qabel biex jillimitaw dawn l-interruzzjonijiet, u l-utenti jiġu infurmati dwar dawn ir-reviżjonijiet. Il-Kummissjoni (Eurostat) twissi dwar id-diskontinwità tas-serje kronoloġika fis-settijiet tad-*data* disseminata.

Komparabbiltà fil-pajjiżi kollha

Il-komparabbiltà tad-*data* bejn il-pajjiżi hija għolja għall-biċċa l-kbira tas-setturi u tat-tipi ta' skart, minħabba definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet komuni. Madankollu, kif imsemmi fit-Taqsima 6, għad hemm xi problemi fit-tqabbil tad-*data* dwar l-iskart perikoluż fil-kategorija tal-iskart "skart tal-kura tas-saħħa u skart bijoloġiku" fil-pajjiżi kollha peress li "periklu" huwa definit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-akbar kategorija ta' skart f'termini ta' piż hija l-iskart minerali, peress li tirrappreżenta medja ta' żewġ terzi tal-iskart totali. Dan jagħmilha diffiċli li jitqabbel l-iskart totali ġġenerat bejn il-pajjiżi. Biex tiżdied il-komparabbiltà, l-Eurostat jippubblika *data* għall-indikatur "Skart eskluż skart minerali maġġuri".

8. MIŻURI TA' TITJIB

Fl-2022, il-Manwal dwar l-istatistika tal-iskart ġie rivedut, peress li l-verżjoni preċedenti tmur lura għall-2013[20]. Il-verżjoni tal-2022[21] saret disponibbli għall-Istati Membri għall-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* li sar fis-sajf tal-2022. Fl-2023, il-manwal se jsirlu aġġornament dwar kif għandhom jiġu rrikonċiljati t-trattament tal-iskart u l-ġenerazzjoni tal-iskart. Ladarba dan jitlesta, il-manwal rivedut se jiġi ppubblikat. L-aktar reviżjonijiet importanti sa Marzu 2022 kienu jikkonċernaw:

20 https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-RA-13-015

21 https://circabc.europa.eu/ui/group/b01d2930-990e-44fb-9121-a9a6b00a1283/library/7fbe72b2-edfe-471a-bdd1-303bf1b2eb7f/details

- Operazzjonijiet ta' trattament probabbli u improbabbli tal-flussi tal-iskart. Il-validazzjoni xi drabi tiżvela trattamenti improbabbli bħar-radam ta' vetturi mormija jew l-inċinerazzjoni ta' metalli li jeħtieġ li jiġu kkoreġuti. Ir-reviżjoni se tħaffef il-validazzjoni u l-pubblikazzjoni tad-*data* peress li se tnaqqas in-numru ta' korrezzjonijiet meħtieġa.
- L-allokazzjoni ta' vetturi mormija lejn attivitajiet ekonomiċi u unitajiet domestiċi.
- Kalkolu tal-materja niexfa u mxarrba.
- Għall-ħġieġ, għall-ħadid, għall-azzar, għar-ruttam tal-aluminju u għar-ruttam tar-ram, ġew adottati kriterji speċifiċi għat-tmiem tal-istatus ta' skart u kellhom jiġu integrati fil-manwal.
- Delimitazzjoni aktar preċiża tar-radam, ir-rimi fil-landfills u l-ħżin permanenti.
- Ir-reviżjonijiet legali mill-aħħar verżjoni (2010) ġew integrati.

Il-biċċa l-kbira tar-reviżjonijiet diġà kienu ġew implimentati mill-Istati Membri. Dawn kienu abbozzati bħala dokumenti ta' gwida u mbagħad ġew diskussi mill-grupp ta' esperti tal-Eurostat dwar l-istatistika tal-iskart. Dawn id-dokumenti ta' gwida ġew integrati fil-manwal rivedut, u b'hekk il-metodoloġija kollha saret disponibbli f'dokument wieħed.

9. KOST U PIŻ

Fir-rapporti tal-kwalità tagħhom, l-Istati Membri juru impenn biex il-piż tar-rapportar jinżamm kemm jista' jkun baxx. Dan huwa rifless fl-għadd dejjem akbar ta' pajjiżi li jiġbru informazzjoni dwar il-piż tar-rapportar. L-informazzjoni tinġabar mir-rispondenti permezz ta' kwestjonarji jew tiġi ddeterminata minn studji speċifiċi. Madwar nofs l-Istati Membri jużaw id-*data* amministrattiva bħala s-sors ewlieni tagħhom għall-istatistika tal-iskart u b'hekk jevitaw piż fuq il-forniturі tad-*data* bi kwestjonarji addizzjonali. Pajjiżi oħrajn jużaw id-*data* amministrattiva bħala waħda minn bosta sorsi ta' *data*. Kumpaniji żgħar huma eżentati mill-istħarriġ b'modi differenti[22].

Għadd dejjem akbar ta' Stati Membri implimentaw sistemi ta' rapportar elettroniċi jew qed jippjanaw li jimplimentawhom. F'dawn is-sistemi, id-*data* meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tgħaddi awtomatikament mill-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

[22] L-eżenzjoni ta' kumpaniji żgħar mill-istħarriġ hija trattata b'modi differenti. Xi pajjiżi jkopru l-kumpaniji żgħar permezz ta' stħarriġ ta' kampjuni u jestrapolaw ir-riżultati. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jeskludu kompletament lill-kumpaniji ż-żgħar skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament li jippermetti li l-intrapriżi ta' inqas minn għaxar impjegati jiġu eskluži mill-istħarriġ, sakemm ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għall-ġenerazzjoni tal-iskart. Alternattivament, iċ-ċifri jistgħu jiġu estrapolati permezz ta' mudelli ta' stima bbażati fuq fatturi. Il-pajjiżi stabbilew limiti ta' esklużjoni differenti, iddeterminati l-aktar mill-għadd ta' ħaddiema jew mill-ammont ta' skart iġġenerat kull sena. Xi pajjiżi jiġbru flimkien iż-żewġ kriterji sabiex jiżguraw li anke l-kumpaniji żgħar ikunu koperti mill-ġbir tad-*data* meta dawn jaqbżu s-soll definit ta' ġenerazzjoni tal-iskart.

10. KISBIET U PROSPETTIVA

Il-kompletezza tas-sottomissjonijiet tad-*data* tal-Istati Membri tjiebet kostantement matul is-snin. L-istatistika dwar l-iskart laħqet livell għoli ta' komparabbiltà bejn il-pajjiżi għall-kategoriji u s-setturi tal-iskart. Għall-Istati Membri u għall-pajjiżi tal-EFTA, inkisbet kopertura sħiħa tad-*data*. Kumplessivament, id-*data* hija ta' kwalità tajba għall-Istati Membri kollha u għall-pajjiżi tal-EFTA. Żewġ pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jipprovdu *data* ta' kwalità xierqa, u l-oħrajn qed jirpiljaw.

Il-leġiżlazzjoni dwar l-iskart[23] riveduta skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari tinkludi regoli aktar preċiżi dwar il-kejl tal-operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart u definizzjonijiet aktar preċiżi. L-emenda tal-2018 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart hija mistennija li jkollha impatt limitat fuq l-eżerċizzju tal-ġbir tad-*data* dwar l-istatistika tal-iskart li għaddej bħalissa għas-sena bażi 2020:

- Il-punt tal-kalkolu għat-trattament finali tal-iskart huwa ddefinit b'mod aktar preċiż. Madankollu, it-titjib fil-kwalità tad-*data* huwa mistenni li jkun baxx peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà implimentaw dan il-kunċett.

- Għall-2018, seba' pajjiżi rrapportaw ir-radam ta' skart perikoluż. Minn Lulju 2020 'il quddiem, l-iskart perikoluż ma jistax jintuża f'operazzjonijiet ta' radam. Peress li l-bidla ma tapplikax mill-bidu tas-sena, għas-sena ta' rapportar 2020, mhux se jkun possibbli li jiġi kkwantifikat f'termini ta' piż l-impatt tad-definizzjoni mibdula.

Il-Kummissjoni (Eurostat) aġġornat il-Manwal dwar l-istatistika tal-iskart sabiex jirrifletti dawn ir-regoli aktar preċiżi u jintegra l-gwida dwar diversi flussi ta' skart. Dawn il-punti ta' gwida diġà ġew implimentati mill-Istati Membri, u għalhekk l-iskop tal-aġġornament tal-manwal huwa li jiġu ċentralizzati r-regoli f'post wieħed. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri wkoll permezz ta' miżuri oħrajn, pereżempju seminars u skambji tal-aħjar prattiki.

Il-Kummissjoni (Eurostat) tikkoopera ma' diversi Stati Membri biex tidentifika l-flussi tal-iskart bejn il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-trattament finali tal-iskart, bil-għan li l-operazzjonijiet ta' pretrattament isiru viżibbli, kif deskritt fit-Taqsima 6.

Id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart issa hija disponibbli għal tmien snin bażi, jiġifieri kull sentejn mill-2004 sal-2018. Hekk kif is-serje kronoloġika titwal, id-*data* ssir aktar utli, billi tipprovdi input għal, pereżempju, indikaturi relatati mal-ekonomija ċirkolari jew għal analiżijiet relatati mal-klima.

[23] https://ec.europa.eu/environment/waste/target_review.htm